MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 646/2004

**Lawrence Attard**
**vs**
**George Attard u b'digriet tat-18 ta' Gunju 2009 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Agnes u Raymond Galea u dan wara l-mewt tal-attur George Attard fil-mori tal-kawza, Raymond u Agnes konjugi Galea kif ukoll Joseph attard, Angelo Attard, John Attard, Francis Attard, Gaetano Attard, Mary mart Victor Zerafa, Rose mart John Fenech, Tessie mart Anthony Mallia, Elizabeth mart Edward Borg ilkoll ahwa Attard ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici tal-25 ta' Awwissu 2004 fejn intqal hekk:

Premess illi permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dr. Philip Said tat-23 ta' Lulju 2003, kopja tieghu hawn anness u

mmarkat Dokument A, il-konvenuti Raymond u Agnes konjugi Galea kienu xtraw minghand il-genituri tal-attur George Attard u martu d-defunta Carmela Attard il-fond 86, Triq Atocia, Hamrun il-prezz ta’ sebat elef lira Maltin (Lm7,000);

Premess illi l-konvenuta Agnes Galea tigi oht l-attur Lawrence Attard;

Premess illi fid-data ta’ dan il-kuntratt u cioe fit-23 ta’ Lulju 2003 l-imsemmi konvenut George Attard kien diga rikoverat fl-isptar St. Vincent de Paule u kien hekk ilu rikoverat ghal hafna zmien qabel din id-data u hekk ghadu rikoverat sal-lum;

Premess illi l-imsemmi konvenut George Attard ilu zmien twil ibati minn dementia kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kwindi ma kienx fil-pieni poteri mentali u ntelletwali tieghu u ghalhekk ma kienx fil-kapacita li jaghti l-kunsens tieghu biex jiddisponi minn hwejjgu skond il-ligi;

Premess illi kwindi wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghal validita ta’ kuntratt huwa nieqes u dan ai termini tal-artikolu 966(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Premess illi dan jirrendi l-kuntratt precitat u cioe dak tat-23 ta’ Lulju 2003 bhala null u bla effett legali. In kwantu kif ghandu jirrizulta l-volonta tal-imsemmi konvenut George Attard kienet karpita b’vizzju tal-kunsens stante illi f’dik id-data imsemmija ma kellux l-uzu tar-raguni u dan ai termini tal-artikolu 968 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Premess illi l-validita tal-kuntratt hawn impunjat jinsab b’raggiri, b’kaptazzjoni u mezzi lleciti ohra ad operati mill-konvenuti Raymond u Agnes konjugi Galea li biex jakkwsita d-dar qabel imutu l-genituri tal-attur Lawrence Attard u tal-konvenuta Agnes Galea approfittaw ruhhom mill-istat prekarju mentali tal-imsemmi konvenut George Attard;

Premes illi illum il-kontraenti l-ohra tal-kuntratt precitat l-imsemmija mart il-konvenut George Attard, Carmela

Attard, hija mejta, u wirtu l-assi taghha kemm l-attur kif ukoll hutu kollha inkluza l-konvenuta Agnes Galea u kwindi l-ahwa kollha qeghdin jidhru bhala konvenuti minflok ommhom fl-istanza odjerna;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikolu 1212 u 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-rexxissjoni tal-kuntratt precitat;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti in vista tal-premess il-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-nutar Dr. Philip Said tat-23 ta' Lulju 2003, li permezz tieghu l-konvenuti kienu akkwsitaw il-fond 86, Triq Atocia, Hamrun bil-prezz ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000) minghand l-imsemmija l-konvenut George Attard u martu d-defunta Carmela Attard huwa null u bla effett u dan ai termini tal-artikolu 966(a) u 968 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-kunsens moghti mill-imsemmi konvenut George Attard fuq l-imsemmi kuntratt kien wiehed vizzjat stante li ma kellux il-fakoltajiet mentali w intelletwali kollha kif fuq inghad;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt tat-23 ta' Lulju 2003 in atti Nutar Dr. Philip Said huwa null u bla effett minhabba nuqqas ta' kapacita tal-istess konvenut George Attard li jikkuntratta;

4. Tordna konsegwentament ir-rexxizzjoni ta' kuntratt ta' bejgh tat-23 ta' Lulju 2003 suindikat ghar-ragunijiet fuq imsemmija u tiffissa gurnata, hin u lok ghal pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta' rexxissjoni;

5. Tinnomina Nutar ghall-pubblikazzjoni tal-att opportun ta' rexxissjoni u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut George Attard u biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt ta' rexxissjoni opportun;

B-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in nota tal-eccezzjonijiet ta' Raymond u Agnes Galea li tghid hekk:
1. Illi fl-ewwel lok l-attur m'ghandux *locus standi* biex jimpjuna att li sar minn persuna li ghadu haj u li m'ghandux ir-rapprezentanza legali tieghu. Inoltre, l-att meritu tal-kawza huwa *res inter alios acta* ghall-attur, u f'kaz li l-attur qieghed jippretendi xi drittijiet ereditarji fil-konfront ta' George Attard allura l-azzjoni hija intempestiva in kwantu George Attard ghadu haj;

2. Illi bla pregudizzju, ic-citazzjoni fiha talbiet alternattivi in kwantu l-attur qieghed jimpunja l-kuntratt minhabba allegat nuqqas ta' kapacita kif ukoll vizzju tal-kunsens minhabba allegati raggiri u mezzi illeciti. Ma tistax titlob it-tnejn, jew wahda jew l-ohra. L-attur jaghzel fuq liema bazi ser jipprocedi;

3. Illi bla pregudizzju, l-attur zgur li m'ghandu l-ebda jedd li jimpunja l-att li sar fit-23 ta' Lulju 2003 u ppubblikat min-nutar Dr. Philip Said in kwantu dan jirreferi ghat-trasferiment tas-sehem li kellha Carmela Attard fl-istess proprjeta. Minn qari tac-citazzjoni l-attur m'huwiex jallega xi vizzju tal-kunsens jew nuqqas ta' kapacita da parti ta' Carmela Attard. Ghalhekk it-talba tieghu ghar-rexxissjoni totali tal-kuntratt m'hijiex flokha;

4. Illi l-eccipjenti jikkontestaw li fid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt George Attard ma kienx fil-pieni poteri mentali w intelletwali tieghu u li ma kienx kapaci li jaghti l-kunsens tieghu biex jiddisponi minn hwejjgu. Dan apparti l-fatt li Lawrence Attard ma kienx inabilitat jew interdett. Kuntrarjament ghal dak li allega l-attur, il-kunsens ta' George Attard ma kienx vizzjat u meta sar il-kuntratt kellu l-uzu tar-raguni;

5. Illi l-eccipjenti jichdu kategorikament li b'xi mod ezercitaw xi raggiri, kaptazzjoni u mezzi illeciti fil-konfront ta' George Attard jew b'xi mod approfittaw minnu. George Attard agixxa liberament minghajr ebda pressjoni da parti ta' hadd u kien jaf x'qieghed jaghmel;

6. Illi t-talbiet tal-attur huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat in nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra kollha li tghid hekk:

Illi l-esponenti ma jsibu l-ebda oggezzjoni ghall-kuntratt imsemmi fic-citazzjoni tant illi permezz ta' kuntratt minnhom maghmul fis-6 ta' Lulju 2007 fl-atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood li kopja tieghu jinsab hawn anness, huma rratifikaw l-istess kuntratt jekk talvolta kien hemm xi difett fih;

Illi inoltre, Lawrence Attard jista' jitkellem biss fis-sehem li talvolta jista' jispetta lilu minn missieru u cioe s-sehem ta' 1/22 indiviz u dan stante li huwa m'huwiex qed jattakka l-validita tal-kunsens moghti min ommhu u konsegwentement, galadarba dan is-sehem mhux wiehed mis-sehemijiet spettanti lill-esponenti, din il-pretenzjoni ghandha tigi indirizzata esklussivament fil-konfront ta' Agnes u Raymond konjugi Galea u l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Lawrence Attard u dan billi, anke qabel ma giet intavolata l-prezenti risposta, l-esponenti kienu gia avzaw lill-imsemmi Lawrence Attard dwar il-posizzjoni mehud mill-esponenti fir-rigward;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, ix-xhieda u dokumenti prezentati kif ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-attur qed jitlob li kuntratt ta' bejgh tal-fond 86 Triq Atocia, Hamrun fl-Atti tan-nutar Philip Said tat-23 ta' Lulju 2003 maghmul bejn George u Carmela konjugi Attard u Raymond u Agnes Galea jigi dikjarat null billi George Attard, missier l-attur ma kienx fil-piena poteri mentali biex jiddisponi minn hwejjgu. Jinghad mill-bidu

nett illi ghalkemm fil-premessi jissemma’ wkoll li l-kunsens tal-istess George Attard gie karpit b’mezzi illeciti u raggiri u hemm eccezzjoni tal-konvenuti Galea li l-attur irid jaghzel bejn din il-premessa u dik ta’ nuqqas ta’ kapacita mentali ma hemm ebda talba f’dan is-sens u anqas ittellghu provi a rigward. It-talba principali tal-attur hi msejsa biss fuq l-artikolu 966(a) u 968 tal-Kapitolu 16.

L-artikolu 966 isemmi ir-rekwiziti essenzjali ghal validita ta’ kuntratt u l-artikolu 966(a) isemmi l-kapacita tal-partijiet li jikkuntrattaw.

L-artikolu 968 ighid testwalment ”kull kuntratt maghmul minn persuna li ma ghandhiex l-uzu tar-raguni, jew li tkun ghadha ma ghalqitx seba’ snin, huwa null”.

Kwindi hu car illi t-talbiet attrici huma ibbazati fuq il-premessa li George Attard ma kellux l-uzu tar-raguni meta ghamel il-kuntratt u jekk jinstab li hekk kien il-kaz, allura l-kuntratt hu null.

Abbinat ma’ dan l-artikolu hemm l-artikolu 1212 tal-Kodici Civili li jghid illi ”kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kundizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi tiddikjara espressament null hu suggett ghar-rexxissjoni”.

Qari ta’ dawn l-artikoli jillimitaw it-tfittxija ta’ din il-Qorti ghal dak mitlub u xejn aktar.

**Provi**

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina l-punti ta’ dritt, tajjeb li jsir riassunt qasir tal-provi.

Jirrizulta illi George u Carmela Attard kellhom hdax-il tifel u tifla fosthom l-attur u l-konvenuti (nisa imharrkin ma’ zwieghom). George u Carmela Attard ghamlu kuntratt ta’ bejgh fl-Atti tan-nutar Said fejn bieghu l-fond 86 Triq Atocia, Hamrun cioe d-dar konjugali taghhom lil binthom Agnes u zewgha Raymond Galea bil-prezz ta’ Lm7,000. Carmela Attard mietet f’St. Vincent de Paule Home fil-21 ta’ Mejju 2004 u George Attard miet fit-12 ta’ Dicembru

2006 ukoll f'St. Vincent de Paule Home. Jidher illi Carmela Attard kienet ilha fil-Home mill-2003 bhal zewgha li ddahhal fil-Home fil-5 ta' Frar 2003. Dak iz-zmien li ddahhal zewgha Carmela Attard kienet ghadha mhix fil-Home izda fl-Isptar Zammit Clapp. Ic-cirkostanzi li waslu biex George Attard jidhol fil-home kienu s-segwenti. George Attard kien ittiehed l-Isptar St. Luke's fis-26 ta' Jannar 2003 u ddahhal fil-psychiatric unit minhabba li kien fi stat konfuzjonali pero dan l-istat kien relatat ma' chest infection u deni (ara xiehda tat-tabib psikjatra Dr. Joseph Spiteri a fol. 108 tal-process u r-rapport mediku tal-admission a fol. 97 tal-process). Wara gurnata tjieb u ntbaghat f'general ward tal-istess sptar. Dr. Sptieri jixhed illi l-istat konfuzjonali kien relatat ma' marda fizika u kienet biss wahda temporanja. Fit-3 ta' Frar 2003 kien tajjeb bizzejjed biex jigi mibghut mill-isptar pero ma marx id-dar izda ttiehed St. Vincent de Paule, ghax kif qalet l-konvenuta Agnes Galea, ommha dak iz-zmien kienet ukoll rikoverata fl-Isptar Zammit Clapp u ma kienx hemm min jiehu hsieb missierha. Dr Pisani pero jixhed ukoll li kien mar id-dar ta' George Attard ghal habta ta' Lulju jew Awwissu 2002 billi l-istess George Attard kien depressed u ftit konfuz. Kien anzjan u qed inaqqas mill-attivita u jhossu inutili. Hu tah xi anti depressants pero ma rahx aktar qabel ma ddahhal St. Luke's.

Kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, George Attard qatt ma jidher li kien Monte Carmeli billi ma ngiebet ebda prova w anqas jidher li kien hemm xi episodji ta' anomaliji mentali fil-perjodu li George Attard kien St. Vincent de Paule Home. Dr. Fiorentino Supretendent tal-Home xehed li normalment tigi riferita persuna fil-Home ghax ikollha deterjorazzjoni fizika u mentali u ma jkunx jista' jkampa wahdu u l-familjari tieghu ma jkunux jistghu jiehdu hsiebu anqas. Dr. Fiorentino ma semma' xejn dwar l-istat mentali ta' George Attard meta dan kien fil-Home u qal biss li hi l-prassi li meta jsiru atti notarili jirrikmandaw li jsir certifikat psikjatriku dwar l-istat mentali tal-pazjent ghalkemm dan hu biss rakkomandazzjoni u mhux imposizzjoni ta' xi obbligu. Jidher li f'dan il-kaz partikolari l-kuntratt ta' bejgh anqas sar fil-Home izda fl-ufficcju tan-nutar Said fis-

Siggiewi. In-nutar Said kull ma xehed dwar George Attard hu li kien jidher placidu.

Jidher mill-atti illi fit-28 ta' April 2003 il-konjugi Attard ghamlu testment ghand in-nutar Said fejn hallew it-tfal kollha eredi taghhom pero il-fond mertu tal-kwistjoni kien thalla lil Agnes Galea u dan b'kumpens ghal kemm daret bihom. Ohtha Tessie Mallia meta xehdet (fol. 162 tal-process) b'affidavit qalet illi ghalkemm il-fond kien imholli lil ohtha b'legat, sar il-kuntratt ta' bejgh ftit wara billi fil-fratemp waqt riceviment tal-familja, l-attur kien hedded li meta jmutu l-genituri kien ser jaqla' l-inkwiet billi ma jikkoperax u l-genituri taghha meta saru jafu ddecidew li jitrasferixxu l-fond lil binthom qabel il-mewt biex jevitawlha l-inkwiet.

Jirrizulta wkoll illi l-ahwa kollha eskluz l-attur irratifikaw u kkonfermaw il-validita tal-kuntratt in kwistjoni b'kuntratt tas-6 ta' Lulju 2007, Atti Nutar Margaret Heywood (fol. 31 tal-process).

Ghal kompletezza jigi dikjarat illi wara li miet George Attard li kien konvenut f'din il-kawza, l-atti gew trasfuzi f'isem il-konvenuti konjugi Galea (ara fol. 72A tal-process).

**Ligi**

Qabel ma l-Qorti tidhol fil-mertu proprju tal-kwistjoni issir referenza ghall-eccezzjoni tal-konvenuti Galea li l-attur ma ghandux *locus standi* jinpunja att ta' persuna hajja ghax ghalih dak il-kuntratt ta' bejgh kien *res inter alios acta*, u b'hekk jonqos fih l-interess legali necessarju biex jagixxi (kliem sottolineat mizjud mill-Qorti). Din il-Qorti kienet tkun taqbel perfettament ma' din l-eccezzjoni li kieku George Attard kien ghadu haj. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Mary Assunta Azzopardi et vs Anthony Camilleri et** (Qorti ta' Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri 13.3.2009)

"L-Artikolu 973 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Il-persuni kapaci li jikkuntrattaw ma jistghux jeccepixxu n-nullità tal-kuntratt minhabba **l-inkapacità ta' dawk li maghhom ikunu kkuntrattaw.**"*. Kuntrarjament ghal-ligi estera, dan il-

provvediment ma giex limitat ghal kazijiet ta' nkapacita' legali. Skond il-ligi Maltija n-nuqqas ta' kapacita' (minhabba li parti tkun minuri, interdetta jew inabilitata jew dawk kollha li l-ligi timpedihom minn xi kuntratti – Artikolu 967 u wkoll min m'ghandux l-uzu tar-raguni – Artikolu 968), ma tatix lok ghall-inezistenza tal-kuntratt imma ghall-annullabilita'. Dan ifisser li n-nullita' hi wahda relattiva, in kwantu tista' biss tigi eccepita mill-parti inkapaci ghaliex giet stabbilita biss ghall-beneficcju tal-inkapaci. B'hekk jidher li l-legislatur ried li jaghti biss protezzjoni lill-inkapaci".

Pero bil-mewt ta' George Attard, l-attur sar wiehed mill-eredi bid-dritt li jagixxi fl-interess tieghu proprio qua co-proprjetarju tal-fond li nbiegh. Fil-fatt hekk jipprovdi espressament l-artikolu 428 tal-Kodici Civili Taljan. Dan id-dritt ma kienx applikabbli fi zmien li giet istitwita l-kawza pero bil-principju tal-*ius superveniens*, applikabbli f'dan il-kaz, l-azzjoni attrici hi salvabbli. Pero hawn il-Qorti taghmel osservazzjoni ohra fuq id-drittijiet attrici. L-attur qed jitlob li l-kuntratt jigi ddikjarat null pero fl-istess waqt hu qed jallega inkapacita naturali ta' George Attard biss. Il-fond mibjugh kien indiviz bejn George Attard u martu Carmela, billi prezunibilment kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk, anki jekk ghandu ragun fil-mertu, dan il-kuntratt ma jistax jigi attakkat fl-intier tieghu izda biss ghal nofs indiviz appartenenti lil George Attard ghax in kwantu ghan-nofs indiviz appartenenti lil Carmela Attard ma qed jingieb ebda raguni ta' nullita. Mhux hekk biss izda jidher li ma giex attakkat il-wirt ta' Carmela Attard mill-attur.

In kwantu ghal mertu proprju tal-kawza cioe il-kontestazzjoni tal-validita tal-kuntratt minhabba inkapacita mentali sabiex isir kuntratt, fil-kawza fl-ismijiet **Frank Cristiano vs Raymond Portelli** (PA 31.05.2004) gie osservat hekk:

*"Il-principji li japplikaw f'kazijiet ta' impunjazzjoni ta' att minhabba nkapacita' mentali huma:*

*1. Illi l-kapacita' hija r-regola u l-inkapacita' hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita'; liema presunzjoni hija "juris tantum";*
*2. Illi huma nkapaci dawk li fi zmien ta' l-att ma jkunux f'sensihom, u illi l-inkapacita' ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja l-att;*
*3. Illi biex persuna jkun kapaci jaghmel att ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x'inhu jaghmel;*
*4. Illi biex tigi stabbilita' l-insanita' mentali ta' persuna hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi;*
5. *Illi l-Qorti Taghna dejjem kienu reticenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat att minhabba nsanita mentali jekk dik l-inkapacita' ma tkunx irrizultat b'mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li persuna kien qieghed jaghmel l-att. (Vol 34 p 108 App Vassallo vs Dr.V.Sammut 24 ta' April 1950 u Vol 30 p 1 p 176 App Formosa vs Axiak 20 ta' Gunju 1938)."*.

Il-massima tad-dritt probatorju li min jallega irid jipprova, tehtieg li tigi osservata fir-rigorosita taghha iktar u iktar fejn wiehed mill-kontraenti li dwaru hi mibnija din il-kawza, hu mejjet. Ir-rieda tieghu murija fuq l-att, bis-solennita kollha mistennija minn att pubbliku ma ghandhiex tigi disturbata jekk mhux wara li jingiebu provi pezanti w univoci li juru mod iehor.

F'dan il-kaz l-attur xehed illi missieru kien ilu jbati erba' snin mid-dementia qabel iddahhal St. Vincent de Paule Home u kien ukoll taht kura ta' tobba f'Monte Carmeli. Dwar dan ma gab ebda prova li tissostanzja din l-allegazzjoni. Anzi ma jidhirx li George Attard qatt kien fl-isptar Monte Carmeli u in kwantu ghad-dementia, Dr. Pisani, il-psikjatra li xehed f'din il-kawza jirraporta biss li f'Lulju 1992 cioe iktar minn sena qabel ma George Attard iffirma l-kuntratt tal-bejgh, kien rah u tah xi pilloli anti depressants minhabba li kien jidher depressed u ftit konfuz. Ma jsemmi xejn dwar dementia. Meta ddahhal fl-isptar ta' St. Luke's fil-psychiatric ward ghax kien fi stat konfuzjonali, irrizulta li dan kien dovut ghal deni minhabba chest infection u gie trasferit ghal general ward u fi ftit

granet gie dismissed. Fil-perjodu li dam St. Vincent de Paule Home, ma giet migjuba ebda prova li tirraforza t-tezi ta’ George Attard kien qed ibati minn xi forma ta’ dizabilita mentali la fil-perjodu kollu li dam hemm sakemm miet cioe circa erba’ snin u iktar importanti, fil-perjodu immedjat qabel u fil-gurnata tal-kuntratt li qed jigi attakkat. Ix-xiehda tal-konvenuti hi fis-sens illi George Attard kien jaf x’inhu jaghmel u illi r-raguni tal-kuntratt kien l-atteggjament ostili u negattiv tal-attur fil-konfront tal-genituri u hutu. Lanqas ingiebet prova tan-nutar li rrediga l-att illi George Attard kien jidher li mhux jifhem u ma jafx x’qed jaghmel fil-mument tal-kuntratt. L-unika kelma li biha ddeskriva lil-George Attard kienet ’placidu’ deskrizzjoni wisq il-boghod mis-sejba ta’ nuqqas ta’ kapacita mentali li George Attard jifhem x’qed jaghmel u jrid li jsir dak li fil-fatt sar.

l-allegazzjonijiet mhumiex provi u ghalkemm f’kazijiet simili mhix facli li ggib prova ta’ certezza, atti li juru inkapacita mentali antecedenti jew sussegwenti ghall-att impunjat jista’ jaghti lok ghall-inferenza li l-persuna kienet inkapaci anki fil-mument tal-kuntratt impunjat pero l-Qorti trid thares l-aktar lejn il-mument tal-kuntratt billi l-ligi hi riluttanti li tannulla att ta’ volonta tal-bniedem meta l-presunzjoni hi li ssostni l-validita ta’ tali volonta u bizzejjed li jintwera li fil-mument li sar l-att, il-persuna kienet qed tifhem u riedet dak li fil-fatt ghamlet. F’dan il-kuntest il-mizura tal-prova rikjesta mill-attur ma ntlahhqitx minnu anqas b’mod approssimattiv u fic-cirkostanzi ghalhekk il-talba tieghu ghandha tigi michuda.

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-ewwel u tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti Raymond u Agnes Galea, u filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti kollha, tichad it-talbiet attrici u tiddikjara li l-kuntratt f’atti tan-nutar Dr. Philip Said tal-23 ta’ Lulju 2003 bejn George u Carmela konjugi Attard ma Raymond u Agnes konjugi Galea huwa validu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------